**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 6 ta' Gunju 2016**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 363/2016**

**Town Properties Limited**
**vs**
**Patron Group Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-6 ta' Mejju 2016 li jghid hekk:

Illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta intimata fis-somma ta' (€390,000) tlett mija u disghin elf ewro, import ta' kambjala bid-data tal-14 ta' Frar 20 II mahruga u accettata mis-socjeta intimata a favur is-socjeta rikorrenti, kopja hawn annessa DOK. A, liema kambjala immaturat u l-import imsemmi huwa dovut,

Illi dan id-dejn huwa cert likwidu u dovut u ghaldaqstant huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12)

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob Ii din l-Onorabbli Qorti:

1) Taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) u cioe bid-dispensa tas-smigh.

2) Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' (€390,000) tlett mija u disghin elf ewro, import ta' kambjala bid-data tal-14 ta' Frar 2011 mahruga u accettata mis-socjeta intimata a favur is-socjeta rikorrenti, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' maturita tal-kambjala u cioe mill-14 ta' Mejju 2011 kontra s-socjeta intimata li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata u ma dehritx ghalkemm imsejha diversi drabi;

Semghet ix-xhieda ta' Norman Spiteri, rapprezentant tas-socjeta attrici li kkonferma bil-gurament tieghu li l-kreditu ghadu kollu dovut u ma sar ebda hlas.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u disghin elf (€390,000) import ta' kambjala bid-data tal-14 ta' Frar 2011 mahruga u accettata mill-istess socjeta konvenuta, flimkien mal-imghax mid-data ta' maturita tal-kambjala cioe l-14 ta' Mejju 2011 sad-data taI-effettiv pagament. Spejjez ghas-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur